Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,469, 21 ta' Awissu, 2009
Taqsima B

A.L. 235 ta' l-2009

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 19 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tmien Skeda qegħda hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Jemenda l-partita 4 ta' l-Iskeda.

2. Fis-subinċiż (b) tal-partita 4 ta' l-Iskeda, minnufih wara n-numru "3002" għandhom jidħlu l-kliem "iżda eskluży l-oġġetti li jidhru taħt is-subintestaturi 3002.20.00.00 u 3002.30.00.00".